**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 1099/01 AJD**

**Dr. Adrian's Garden Centre Co. Ltd.**

**vs**

**Wilfred Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Ottubru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u dsatax il-lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm719.41) rappresentanti l-prezz ta' pjanti u prodotti konnessi maghhom mibjugha u forniti lill-konvenut kif ukoll servizzi resi lill-konvenut, fuq ordni tal-istess konvenut, mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju, 2001, u bl-imghax mid-9 ta' Novembru, 2000, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ikkuntesta t-talbiet attrici ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante ksur ta' fteheim bejn il-partijiet da parti tas-socjeta' attrici.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv u ma jirriflettix il-ftehim milhuq.
3. Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Adrian Zammit, ta' Antoine Micallef, Andrew Camilleri, il-konvenut Wilfred Mallia u ta' Maria Teresa Mallia.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-partijiet dahlu fi ftehim (a. fol. 15) b'effett mill-10 ta' Awissu, 1999, fejn is-socjeta' attrici obbligat ruha li tipprovdi servizzji konsistenti fil-manteniment tal-gnien tal-propjeta' residenzjali tal-konvenut. Is-socjeta' attrici kienet ser tipprovdi dan is-servizz billi tibghat gardinar kwalifikat darba fil-gimgha fix-xhur ta' Mejju, Gunju, Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru u darba kull hmistax fix-xhur ta' Novembru, Dicembru, Jannar, Frar, Marzu u April. Il-prezz ta' dan is-servizz kien ta' hmistax il-lira Maltin (Lm15.00) ghal kull zjara, u l-prezz globali ghal sena kellu jkun ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00). Dan il-prezz kien jikkomprendi s-sostituzzjoni ta' pjanti (outdoor) li jmutu kif ukoll spezzjoni fuq bazi mensili ta' Dr. Adrian Zammit.

2. Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-ammont ta' seba' mija u dsatax il-lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm719.41) bhala l-bilanc li ghadu dovut mill-konvenut ghas-servizzji rezi minnha kif ukoll bhala prezz ta' xi materjal konsistenti fi pjanti suppliti minnha lill-konvenut.

3. Illi l-konvenut jikkontendi li kien hemm ksur tal-ftehim hawn fuq imsemmi da parti tas-socjeta' attrici u ghalhekk dan l-ammont m'huwiex dovut u fi kwalsiasi kaz l-ammont huwa eccessiv u ma jirriflettix is-somma patwita li ma kellhiex teccedi l-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) ghal perijodu ta' sena.

4. Il-konvenut isostni li s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira (Lm258.00) in eccess tas-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) patwita fil-ftehim. Is-socjeta' attrici tirribadixxi dwar dan il-punt li l-konvenut u martu kienu talbu l-gardinara jzuru l-gnien taghhom aktar milli miftiehem. Mill-fatturi esibiti mill-istess konvenut (a fol. 28 et seq) jirrizulta li effettivament iz-zjarat ta' kull xahar kienu mill-anqas darba fil-gimgha anki f'dawk ix-xhur fejn kien gie miftiehem li z-zjarat kellhom ikunu darba kull hmistax. Fil-fehma tat-Tribunal, una volta li l-konvenut talab li jsiru dawn iz-zjarat zejda, huwa tenut li jhallas taghhom. Il-konvenut ma rnexxilux jipprova dak li allega u cioe' li l-gardinara tas-socjeta' attrici effettivament ma attendewx ghal dawn iz-zjarat zejda.

5. Illi lment iehor imressaq mill-konvenut huwa fis-sens illi s-socjeta' attrici naqset milli tissostitwixxi pjanti li kienu mietu kif obbligat ruhha li taghmel fil-fteheim relattiv. Il-konvenut esebixxa ritratti ta' dawn il-pjanti li kienu mietu (a fol. 50 et seq) u indika l-prezz ta' dawn il-pjanti fl-ammont ta' mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm229.00). Mill-provi rrizulta li dawn il-pjanti ma gewx sostitwiti mis-socjeta' attrici, in fatti in kontro-ezami Dr. Adrian Zammit jghid li dan ma sarx ghaliex il-konvenut kien moruz fil-pagamenti. It-Tribunal jidhirlu li dan jikkostitwixxi ksur tal-obbligi kontrattwali assunti mis-socjeta' attrici u li ghalhekk is-somma ta' mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm229.00) ghandha titnaqqas mill-bilanc dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici.

6. Illi l-konvenut isostni wkoll li Dr. Adrian Zammit ma zarx il-gnien fuq bazi mensili kif obbliga ruhu li jaghmel fil-ftehim realttiv. Fix-xhieda tieghu, Dr. Adrian Zammit jghid li huwa kien izur il-gnien fuq bazi regolari, izda minn korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, u precizament minn ittra datata 28 ta' Novembru, 2000, (a fol. 45) jirrizulta li Dr. Adrian Zammit ammetta li huwa kien zar il-gnien erba' darbiet biss tul is-sena 2000. Il-konvenut u martu jsostnuli tul l-andament tal-ftehim sa fejn jiftakru huma, Dr. Adrian Zammit kien zar il-gnien tlett darbiet biss. Fil-fehma tat-Tribunal dan jikkostitwixxi ksur pjuttost serju tal-obbligi kontrattwali da parti tas-socjeta' attrici haliex jirrifiletti hazin fuq is-servizz offrut mill-istess socjeta' attrici. Il-konvenut gjustament ilmenta li l-gardinara tas-socjeta' attrici ma kellhomx supervizjoni adegwata. Ghalkemm dawn il-gardinara xehdu li huma kienu jiehdu l-istruzzjonijiet minghand Dr. Zammit, it-Tribunal jidhirlu li f'dan it-tip ta' xoghol huwa necessarju li wiehed jaccedi fuq il-post sabiex ikun jista' jikkonstata l-kundizzjoni tal-gnien u b'hekk ikun f'posizjoni li jaghti l-ordnijiet adegwati. Fuq kollox l-esperjenza ta' Dr. Zammi f'dan il-qasam kienet tikkostitwixxi wahda mir-ragunijiet ghaliex il-konvenut kien qed ihallas ghas-servizz moghti lilu mis-socjeta' attrici. Minhabba dan il-ksur kontrattwali, t-Tribunal jidhirlu li ghandu jkun hemm tnaqqis ulterjuri fl-ammont ta' mija u hamsin lira Mlatin (Lm150.00) mill-bilanc dovut mill-konvenut.

7. Il-bilanc li jkun ghadu dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici wara li jsir t-itnaqqis hawn fuq imsemmi, huwa ghalhekk fl-ammont ta' tlett mija u erbghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm340.41) :- (Lm719.41 – Lm229.00 – Lm150.00 = Lm340.41).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm340.41) u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm340.41) bl-imghaxijiet legal pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**